



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

2010/2001(BUD)

29.6.2010

EMENDI 1 - 14

**Abbozz ta' opinjoni
Pervenche Berès
(PE441.302v01-00)**

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011
– Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2010/2001(BUD))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Premessa A

Abbozz ta' opinjoni

A. billi l-Baġit 2011 tal-Unjoni għandu l-għan li jibni l-futur lil hinn mill-kriżi;

Emenda

A. billi l-Baġit 2011 tal-Unjoni għandu l-għan li jibni l-futur lil hinn mill-kriżi ***finanzjarja, ekonomika u soċjali***;

Or. fr

Emenda 2
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Premessa C a (ġdida)

Abbozz ta' opinjoni

A. billi l-Baġit 2011 tal-Unjoni għandu l-għan li jibni l-futur lil hinn mill-kriżi;

Emenda

Ca. billi, diġà minn qabel il-kriżi, aktar minn 84 miljun ruħ, jiġifieri 17 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea, kienet tinsab ikkonfrontata mir-riskju tal-faqar;

Or. fr

Emenda 3
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jiddispjaċih li 1.4% biss tal-intestatura 1a hija dedikata lill-implimentazzjoni tal-aġenda għal politika soċjali sabiex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni lejn iż-żmien wara l-kriżi;

Emenda

1. Jinnota ż-żieda fil-ħlasijiet ta' 6,9 % għall-intestatura 1a u 16,9 % għall-intestatura 1b biex jiġu appoġġati l-kompetittività u l-koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Istati Membri favur proġetti li għandhom il-għan li joħlqu l-impjiegi u

l-inklużjoni soċjali;

Or. fr

Emenda 4
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

1a. Jiddispjaċih li 1,4 % biss tal-intestatura 1a huwa ddedikat għall-implimentazzjoni tal-aġenda għal politika soċjali li għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni tas-soċjetà Ewropea lejn iż-żmien ta' wara l-kriżi;

Or. fr

Emenda 5
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2. Jirfaħ bil-EUR 50,000,000 li tpoġġew fil-punt baġitarju tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħlasijiet;

2. Jenfasizza l-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għat-taħriġ tal-ħaddiema li spiċċaw imkeċċija mix-xogħol minħabba l-kriżi bil-għan li tkun iffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; Jirfaħ bil-EUR 50 000 000 li tpoġġew fil-linja baġitarja tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-ħlasijiet, li jirrappreżentaw l-ewwel pass lejn in-normalizzazzjoni baġitarja ta' dan il-fond;

Or. fr

Emenda 6
Ilda Figueiredo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu msaħħa l-fondi baġitarji kollha ta' intervent fil-qasam soċjali. Iqis, b'mod partikolari, li l-Fond Soċjali Ewropew għandu jiġi rduppjat fl-ammonti totali tiegħu biex jilqa' għall-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, b'mod partikolari l-qgħad u l-faqar;

Or. pt

Emenda 7
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4. Jistaqsi lilu nnifsu dwar it-tnaqqis konsiderevoli fl-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali li jmur kontra l-oġġettivi tal-istrateġija tal-2020;

4. Jistaqsi lilu nnifsu dwar it-tnaqqis konsiderevoli fl-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) li jmur kontra l-oġġettivi tal-istrateġija tal-2020, ***li tagħmel enfasi fuq l-educazzjoni tul il-ħajja kollha u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-ħaddiema bħala għodda prinċipali fil-ġlieda kontra l-qgħad;***

Or. fr

Emenda 8
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jiddispijaċih dwar l-istaġnar tal-punti baġitarji tal-EURES u r-Relazzjonijiet Industrijali u d-Djalogu Soċjali fil-kuntest ta' ristrutturar intensiv u ta' tkeċċijiet massivi;

Emenda

5. Jiddispijaċih dwar l-istaġnar tal-punti baġitarji tal-EURES u r-Relazzjonijiet Industrijali u d-Djalogu Soċjali fil-kuntest ta' ristrutturar intensiv u ta' tkeċċijiet massivi; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu msaħħa l-għodod għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol u r-rwol importanti tal-imsieħba soċjali biex jitfasslu soluzzjonijiet inklussivi;***

Or. fr

Emenda 9
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jilqa' l-inizjattiva prominenti "Żgħażaġħ Mobbli" ***u*** jappoġġja ***l-proġett*** pilota "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" bil-għan li jiffinanzja l-mobilità taż-żgħażaġh biex isibu impjieg;

Emenda

6. Jilqa' ***b' sodisfazzjon*** l-inizjattiva prominenti "Żgħażaġħ Mobbli" ***li għandha l-għan li ssaħħaħ il-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi u li tiffaċilita d-dħul taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol; jenfasisza li l-appoġġ għaż-żgħażaġh fit-taħriġ u fit-tfittxija għal impjieg huwa wieħed mill-prijoritajiet tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali għall-baġit 2011; huwa tal-fehma li l-promozzjoni tal-mobilità hija aspett importanti tal-miżuri kollha li nħolqu mill-Fondi Strutturali u minn Progress fl-Istati Membri biex titnaqqas ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, filwaqt li jfakkar li l-mobilità ma tistax tkun l-unika soluzzjoni għall-qgħad; jappoġġja l-illanċjar ta' proġett*** pilota "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" bil-għan li jiffinanzja l-mobilità taż-żgħażaġh biex isibu impjieg;

Or. fr

Emenda 10
Ilda Figueiredo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

6a. Jiddispjaċih għat-tnaqqis tal-intestaturi baġitarji li għandhom x'jaqsmu mal-programm Progress. Jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn jissaħħu b'mod sostanzjali, minħabba li l-kriżi tirrikjedi attenzjoni akbar u għajnuniet għas-setturi soċjali koperti mill-programm Progress;

Or. pt

Emenda 11
Ilda Figueiredo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

7a. Jenfasizza l-ħtieġa li jsiru l-istudji u l-interventi li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-ħaddiema temporanji, filwaqt li titqies iż-żieda fil-proċessi migratorji reġistrati attwalment;

Or. pt

Emenda 12
Pervenche Berès

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8. Jipproponi proġett pilota li jappoġġja s-

8. Jipproponi proġett pilota li jappoġġja s-

saħħa, il-benessri u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema anzjani;

saħħa, il-benessri u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema anzjani ***bil-għan li jiġu affrontati l-isfidi tal-ħajja professjonali tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu, marbuta mal-iżvilupp demografiku;***

Or. fr

Emenda 13
Ilda Figueiredo

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

8a. Jipproponi li jkompli għaddej il-proġett pilota bil-għan li tiġi inkoraġġita t-trasformazzjoni tax-xogħol insikur f'xogħol akkumpanjat minn drittijiet, għax din hija kwistjoni fundamentali mill-perspettiva tad-drittijiet tal-ħaddiema;

Or. pt

Emenda 14
Nadja Hirsch

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

9a. Jipproponi proġett pilota maħsub biex jintegra b'suċċess il-15 % taż-żgħażaġh li jtilqu mill-iskola kmieni biex jidħlu fis-suq tax-xogħol;

Or. en

